MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Avviz Numru. 222/2012

**L-Avukat Dottor David Tonna (ID 659956M) ghan-nom u in rappreentanza tas-socjeta civili Mamo TCV**

**vs**

**Arcadia Interactive Limited (C 46183) u, b'digriet tal 31 ta' Ottubru 2012, Dr Patrick Valentino gie nominat kuratur ghas-socjeta konvenuta.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Gunju 2012 fejn l-attur nomine talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta jhallasha s-somma ta' hamest elef, hames mija u tlieta u ghoxrin Ewro,

tmienja u tmenin centezmu (€5,523.88) rapprezentanti prezz ta' servizzi legali u servizzi ancillari moghtija lilha fuq struzzjonijiet taghha stess.

Bl-ispejjez tal-proceduri presenti kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ippresentat kontestwalment u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi saret tentativ ta' notifika tal-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru lid-direttur tas-socjeta Maltija, illi huwa franciz bl-isem ta' Francois Xavier Poupard, u dana gewwa 4, Rue Robert Estienne, 75008, Parigi, Franza, izda fis-6 ta' Settembru 2012 irrizulta illi tali notifika ma sehhietx (vide fol 29).

Rat illi fuq talba tar-rikorrent fid 19 ta' Ottubru 2012, gie nominat Dr Patrick Valentino fil 31 ta' Ottubru 2012 bhala kuratur tas-socjeta intimata.

Rat illi fid 9 ta' Novembru 2012, Dr Patrick Valentino noe ippresneta l-eccezzjonijiet fejn qal illi ma huwiex edotti mill-fatti tal-kawza.

Rat illi fil 15 ta' Frar 2013 gie ippresnetat l-affidavit ta' Dr DAvid Tonna fejn ikkonferma illi dak mitlub jirrelata ghal servizzi legali kif jidher mill-varji invoices minnu esebiti mal-istess affidavit.

Rat illi fil 15 ta' Frar ir-rikorrent iddikjara illi ma fadallux aktar provi u l-kawza giet differita ghat 22 ta' Marzu 2012 ghal provi intimati.

Rat illi fit 22 ta' MArzu 2012 ma deher hadd u ghalhekk il-Qorti iddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa u differit il-kawza ghas-sentenza ghal 15 ta' April 2013.

IL-Qorti, wara illi rat il-provi kollha prodotti, u wara illi rat l-affidavit tar-rikorrent jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess rikorrent tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, hames mija u tlieta u ghoxrin Ewro, tmienja u tmenin centezmu (€5,523.88) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta kif mitluba w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi mill-presentata ta' dana l-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------